# Id-delirju

## Tagħrif għar-residenti, għall-familji u għall-kerers.



Id-delirju jikkawża konfużjoni u bidliet f'daqqa fil-mod kif taħseb.

Mhux normali u normalment jista' jiġi prevenut.

Id-delirju hu serju. Jista' jirriżulta f'waqgħat, ikollok feriti tal-pressjoni u telf tal-piż.

Id-delirju mhux dimenzja jew depressjoni, imma għandu sintomi simili.

Jekk jiġi kkurat kmieni, id-delirju jdum biss ftit ġranet (imma jista' jdum ġimgħat).

## Sinjali li tista' qed tbati mid-delirju

- Issir konfuż f'daqqa (jew aktar konfuż mis-soltu).
- Ma tkunx kapaċi toqgħod attent jew tikkonċentra.
- Issir tibża', imdejqa jew irrabjata għal xejn.
- Tgħid affarijiet li ma jagħmlux sens.
- Tara jew tisma' affarijiet li mhumiex hemm.
- Issir inqas attiva jew aktar attiva mis-soltu.
- Ma tkunx taf x'ħin hu jew f'liema ġurnata ninsabu fiha.
- Ma titkellimx man-nies.
- Ikollok tibdil fl-irqad.
- Is-sinjali tad-delirju jistgħu jiġu u jmorru.

## Id-delirju jista' jirriżulta minn

- Tkun marida jew ikollok infezzjoni.
- Tkun konstipata.
- Tkun deidratata.
- Qed tieħu ħafna mediċini.
- Tkun muġugħa ħafna.
- Ikollok tubu għall-awrina tiegħek (kateter).
- Kellek operazzjoni dan l-aħħar.

Tista' tkun aktar f'riskju ta' delirju jekk kellek delirju qabel, jew tbati mid-dimenzja jew mid-depressjoni.

## Modi kif timmaniġġja d-delirju

- Il-familja u l-ħbieb tiegħek għandhom jgħarrfu lill-istaff minnufih jekk jinnotaw kwalunkwe sinjal tad-delirju.
- It-tabib u l-istaff ser jassessjawk biex isibu l-kawża tad-delirju u jippjanaw kura.
- L-istaff u l-familja għandhom iqattgħu ħin miegħek.
  - Huma jistgħu jfakkruk fil-ħin u l-ġurnata u jgħinuk biex tgħix mingħajr periklu.
  - Huma jistgħu jgħinuk tiekol u tixrob biżżejjed biex tibqa' b'saħħtek.
- Tajjeb jekk:
  - ikollok affarijiet familjari f'kamartek
  - ikollok kamra kalma u li hi kwieta
  - tilbes in-nuċċali u l-istrumenti tas-smigħ tiegħek il-ħin kollu biex tkun tista' tara u tisma' x'qed jiġri madwarek
  - żomm il-purtieri miftuħa matul il-ġurnata. Jekk toqgħod imqajjma meta jkun għadu dawl ser jgħinek torqod billejl.

## Naħdmu flimkien

Int u l-familja tiegħek intom membri importanti tat-tim tal-kura. Int taf x'inhu tajjeb għalik.

Jekk tbati mid-delirju, il-familja jew il-ħbieb tiegħek jistgħu jkunu l-ewwel li jindunaw b'xi tibdil f'saħħtek jew fl-imġieba tiegħek u jistgħu javżaw lill-istaff dwar it-tħassib tagħhom. Toqgħodx tistenna biex tara jekk l-affarijiet jitjiebux – l-aħjar ħaġa hi li tikseb għajnuna kmieni.

Il-ħidma flimkien mal-istaff tista' tgħin biex iżommuk b'saħħtek u 'l bogħod mill-isptar. Tkellem mal-istaff u staqsi mistoqsijiet. Huma għandhom bżonn l-għajnuna tiegħek biex jagħtuk l-aqwa kura.

## Mistoqsijiet li għandek tistaqsi lill-istaff:

- Din il-konfużjoni hi riżultat tad-delirju? X'inhi l-kawża tad-delirju?
- X'kura hemm bżonn?
- Il-mediċini jistgħu jikkawżaw id-delirju?



Ċaħda: Dan it-tagħrif dwar is-saħħa hu għall-skopijiet ġenerali biss. Jekk jogħġbok kellem lit-tabib tiegħek jew lill-professjonist ieħor tas-saħħa biex tara li dan it-tagħrif jgħodd għalik.

Biex tirċievi din il-pubblikazzjoni f'format aċċessibbli ibgħat email lil acqiu@dhhs.vic.gov.au

Awtorizzat u ppubblikat mill-Gvern ta' Victoria, 1 Treasury Place, Melbourne.
© State of Victoria, Department of Health and Human Services, Frar 2016. ISBN 978-0-7311-6809-5
Jinstab f'https://www2.health.vic.gov.au/ageing-and-aged-care/residential-aged-care/safety-and-quality/participating-with-consumers (1507022)